

Il-Ġurnal Uffiċjali

C 438

tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 61

5 ta' Diċembru 2018

Werrej

IV Informazzjoni

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĠI U AĠENZJI TAL-UNJONI EWROPEA

Il-Kummissjoni Ewropea

2018/C 438/01	Rata tal-kambju tal-euro	1
2018/C 438/02	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tat-28 ta' Novembru 2018 dwar il-pubblikazzjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea tad-dokument uniku msemmi fl-Artikolu 94(1)(d) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u tar-referenza għall-pubblikazzjoni tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott għal isem fis-settur tal-inbid (Cebreros (DOP))	2

V Avviżi

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

Il-Kummissjoni Ewropea

2018/C 438/03	Komunikazzjoni tal-Kummissjoni ppubblikata skont l-Artikolu 27(4) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 fil-Każ AT.39398 — Visa MIF	8
2018/C 438/04	Komunikazzjoni tal-Kummissjoni ppubblikata skont l-Artikolu 27(4) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 fil-Każ AT.40049 — Mastercard II	11

MT

IV

(Informazzjoni)

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĠI U AĠENZIJI
TAL-UNJONI EWROPEA

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Rata tal-kambju tal-euro ⁽¹⁾

L-4 ta' Diċembru 2018

(2018/C 438/01)

1 euro =

Munita	Rata tal-kambju	Munita	Rata tal-kambju		
USD	Dollaru Amerikan	1,1409	CAD	Dollaru Kanadiż	1,5031
JPY	Yen Ġappuniż	128,68	HKD	Dollaru ta' Hong Kong	8,9071
DKK	Krona Daniża	7,4626	NZD	Dollaru tan-New Zealand	1,6406
GBP	Lira Sterlina	0,89058	SGD	Dollaru tas-Singapor	1,5550
SEK	Krona Żvediża	10,2293	KRW	Won tal-Korea t'Isfel	1 261,04
CHF	Frank Żvizzeru	1,1348	ZAR	Rand ta' l-Afrika t'Isfel	15,5292
ISK	Krona İzlandiża	139,60	CNY	Yuan ren-min-bi Ċiniż	7,7986
NOK	Krona Norveġiża	9,6473	HRK	Kuna Kroata	7,4015
BGN	Lev Bulgaru	1,9558	IDR	Rupiah Indoneżjan	16 303,46
CZK	Krona Ċeka	25,901	MYR	Ringgit Malajjan	4,7319
HUF	Forint Ungeriż	323,20	PHP	Peso Filippin	60,035
PLN	Zloty Pollakk	4,2823	RUB	Rouble Russu	75,7901
RON	Leu Rumun	4,6514	THB	Baht Tajlandiż	37,273
TRY	Lira Turka	6,1035	BRL	Real Brażiljan	4,3642
AUD	Dollaru Awstraljan	1,5451	MXN	Peso Messikan	23,2057
			INR	Rupi Indjan	80,4720

⁽¹⁾ Sors: rata tal-kambju ta' referenza ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI**tat-28 ta' Novembru 2018****dwar il-pubblikazzjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea tad-dokument uniku msemmi fl-Artikolu 94(1)(d) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u tar-referenza għall-pubblikazzjoni tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott għal isem fis-settur tal-inbid****(Cebreros (DOP))**

(2018/C 438/02)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jstabilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007⁽¹⁾, u b'mod partikulari l-Artikolu 97(3) tiegħu,

Billi:

- (1) Spanja bagħtet applikazzjoni għall-protezzjoni tal-isem "Cebreros" skont it-Taqsima 2 tal-Kapitolu I tat-Titolu II tal-Parti II tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013.
- (2) Skont l-Artikolu 97(2) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013, il-Kummissjoni eżaminat dik l-applikazzjoni u kkonkludiet li l-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikoli 93 sa 96, fl-Artikolu 97(1) u fl-Artikoli 100, 101 u 102 ta' dak ir-Regolament huma ssodisfati.
- (3) Sabiex ikunu jistgħu jitressqu dikjarazzjonijiet ta' oġġezzjoni skont l-Artikolu 98 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013, jenħteġ li d-dokument uniku msemmi fl-Artikolu 94(1)(d) ta' dak ir-Regolament, u r-referenza għall-pubblikazzjoni tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott li saret matul il-proċedura nazzjonali preliminari għall-eżami tal-applikazzjoni għall-protezzjoni tal-isem "Cebreros", jiġu ppubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea,

IDDEĊIEDIET KIF ĠEJ:

Artikolu Uniku

Id-dokument uniku stabbilit skont l-Artikolu 94(1)(d) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 u r-referenza għall-pubblikazzjoni tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott għall-isem "Cebreros" (DOP) jinsabu fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Skont l-Artikolu 98 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013, il-pubblikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni għandha tikkonferixxi d-dritt ta' oġġezzjoni għall-protezzjoni tal-isem speċifikat fl-ewwel paragrafu ta' dan l-Artikolu, fi żmien xahrejn mid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Novembru 2018.

Għall-Kummissjoni

Phil HOGAN

Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671.

ANNEX

DOKUMENT UNIKU

“Cebreros”

DOP-ES-02348

Data tal-applikazzjoni: 20.2.2017

1. Isem/ismijiet għar-reġistrazzjoni

Cebreros

2. Tip ta' indikazzjoni ġeografika

DOP — Denominazzjoni ta' Oriġini Protetta

3. Kategoriji tal-prodotti tad-dwieli

1. Inbid

4. Deskrizzjoni tal-inbid/inbejjed

Inbejjed bojod:

L-inbejjed bojod għandhom sfumaturi li jvarjaw minn isfar kulur it-tiben għal isfar kulur id-deheb. Huma ċari u brillanti, b'riħa ta' frott, u huma tajbin, ibbilanċjati, u b'sensazzjoni żejtnija fil-ħalq. Jekk l-inbejjed ikunu mmatu-raw fil-btieti, jistgħu jkunu kulur id-deheb fit-truf, l-aroma ta' frott tagħhom tkun aktar misjura, u jkunu ta' palat aktar qawwi.

Āidità volatili massima għall-inbejjed ta' aktar minn sena: 16,67 meq/l sa 10 % vol, li tiżdied b'1 meq/l għal kull grad ta' qawwa alkoħolika li taqbeż l-10 %.

Dawn l-inbejjed jistgħu jaqbz u l-limiti stabbiliti fl-Anness IC, il-punt 1 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 606/2009, sakemm jikkonformaw mal-kundizzjonijiet stabbiliti fit-Taqsima 3 ta' dan l-Anness.

Il-parametri analitiċi mhux stabbiliti f'dan id-dokument għandhom jikkonformaw mar-regoli fis-seħħ.

Karatteristiċi analitiċi ġenerali

Qawwa alkoħolika totali massima (f% tal-volum)	
Qawwa alkoħolika reali minima (f% tal-volum)	12
Āidità totali minima	4 grammi għal kull litru espressi bħala aċidu tartariku
Āidità volatili massima (f'milliekivalenti għal kull litru)	13,33
Total massimu ta' diossidu tal-kubrit (f'milligrammi għal kull litru)	160

Inbejjed rożè:

L-inbejjed rożè huma ċari u brillanti, u l-kulur tagħhom ivarja minn roża ċar għal roża kulur il-frawli jew il-lampun. Tipikament ikollhom noti ta' frott aħmar u/jew iswed, bi struttura medja fil-ħalq. Jekk ikunu mmatu-raw fil-btieti, it-toni tagħhom jistgħu jkunu aktar fl-oranġjo, u l-ħjiel tal-frott ikun ta' inqas intensità, u b'toġhmiet tal-injam fl-isfond.

Āidità volatili massima għall-inbejjed ta' aktar minn sena: 16,67 meq/l sa 10 % vol, li tiżdied b'1 meq/l għal kull grad ta' qawwa alkoħolika li taqbeż l-10 %.

Dawn l-inbejjed jistgħu jaqbz u l-limiti stabbiliti fl-Anness IC, il-punt 1 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 606/2009, sakemm jikkonformaw mal-kundizzjonijiet stabbiliti fit-Taqsima 3 ta' dan l-Anness.

Il-parametri analitiċi mhux stabbiliti f'dan id-dokument għandhom jikkonformaw mar-regoli fis-seħħ.

Karatteristiċi analitiċi ġenerali

Qawwa alkoħolika totali massima (f% tal-volum)	
Qawwa alkoħolika reali minima (f% tal-volum)	12
Aċidità totali minima	4,5 grammi għal kull litru espressi bħala aċidu tartariku
Aċidità volatili massima (f'milliekwivalenti għal kull litru)	13,33
Total massimu ta' diossidu tal-kubrit (f'milligrammi għal kull litru)	160

Inbejjed ħomor:

L-inbejjed ħomor huma ċari fid-dehra, b'tonalitajiet ħomor kulur iċ-ċirasa u bi ħjiel ta' vjola. Tipikament ikollhom noti ta' frott aħmar u/jew iswed, kif ukoll aċidità u struttura bbilanċjata, li jagħmluhom fini u eleganti. Jekk ikunu mmaturaw fil-btieti, iżommu l-firxa ta' frott tagħhom flimkien mat-togħma tal-injam, u jsiru aktar lixxi fit-togħma u jiksbu togħma li ddum aktar b'tonalitajiet ta' aħmar kemxejn skur.

Aċidità volatili massima għall-inbejjed ta' aktar minn sena: 16,67 meq/l sa 10 % vol, li tiżdied b'1 meq/l għal kull grad ta' qawwa alkoħolika li taqbeż l-10 %.

Dawn l-inbejjed jistgħu jaqbu l-limiti stabbiliti fl-Anness IC, il-punt 1 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 606/2009, sakemm jikkonformaw mal-kundizzjonijiet stabbiliti fit-Taqsima 3 ta' dan l-Anness.

Il-parametri analitiċi mhux stabbiliti f'dan id-dokument għandhom jikkonformaw mar-regoli fis-seħħ.

Karatteristiċi analitiċi ġenerali

Qawwa alkoħolika totali massima (f% tal-volum)	
Qawwa alkoħolika reali minima (f% tal-volum)	13
Aċidità totali minima	4,5 grammi għal kull litru espressi bħala aċidu tartariku
Aċidità volatili massima (f'milliekwivalenti għal kull litru)	13,33
Total massimu ta' diossidu tal-kubrit (f'milligrammi għal kull litru)	150

5. Prattiki tal-produzzjoni tal-inbid

a. Prattiki enoloġiċi essenzjali

Prattiki tal-kultivazzjoni

- It-tħawwil, il-mili ta' spazji, it-tlaqqim in situ, u t-tlaqqim mill-ġdid jista' jsir biss b'varjetajiet awtorizzati.
- It-tħawwil ġdid jista' juża biss il-varjetajiet ewlenin: Garnacha Aħmar u Albillo Real.

Id-dielja tista' titrawwem bil-modi li ġejjin:

- Bl-użu tal-metodu tradizzjonali tal-kalċi u l-varjanti tiegħu.
- Fuq sistemi ta' trawwim ta' dwieli f'espaliers: trawwim iggwidat u appoġġjat.

Prattika enoloġika speċifika

Qawwa alkoħolika potenzjali minima tal-għeneb: 12 % vol. (varjetajiet ħomor) u 11 % vol. (varjetajiet bojod).

Għandhom jintużaw biss tankijiet u kontenituri li ma jikkontaminawx l-inbid u li huma permessi skont il-leġiżlazzjoni attwali.

Rendimento massimu ta' estrazzjoni: 70 l għal kull 100 kg ta' għeneb.

Kundizzjonijiet tal-maturazzjoni

- L-inbejjed li jużaw it-terminu "IFFERMENTAT FIL-BTIETT" ("FERMENTADO EN BARRICA") għandhom jużaw btieti tal-ballut kemm għall-fermentazzjoni kif ukoll għall-maturazzjoni bil-karfa.
- Il-maturazzjoni sussegwenti għandha ssir fi btieti tal-ballut.
- Il-kalkolu tal-perjodu ta' maturazzjoni għandu jibda fl-1 ta' Novembru tas-sena tal-ħsad.

Restrizzjoni rilevanti għall-vinifikazzjoni

- L-inbejjed bojod għandhom isiru esklussivament bil-varjetà Albillo Real.
- Il-varjetajiet rożè u aħmar għandhom isiru b'minimu ta' 95 % tal-varjetà Garnacha Aħmar.

Għall-estraxxjoni tal-most, l-użu kemm ta' magni ċentrifugi b'veloċità għolja kif ukoll ta' preses kontinwi huwa pprobit.

b. *Rendimenti massimi*

6 000 kilogramma ta' għeneb għal kull ettaru.

42 ettoltru għal kull ettaru.

6. Definizzjoni taż-żona demarkata

Il-muniċipalitajiet huma elenkati hawn taħt u kollha jinsabu fil-provinċja ta' Avila:

La Adrada, El Barraco, Burgohondo, Casavieja, Casillas, Cebreros, Cuevas del Valle, Fresnedilla, Gavilanes, Herradón de Pinares, Higuera de las Dueñas, El Hoyo de Pinares, Lanzahíta, Mijares, Mombeltrán, Navahondilla, Naval Moral, Navaluenga, Navarredondilla, Navarrevisca, Navatargordo, Pedro Bernardo, Piedralaves, San Bartolomé de Pinares, San Esteban del Valle, San Juan de la Nava, San Juan del Molinillo, Santa Cruz de Pinares, Santa Cruz del Valle, Santa María del Tiétar, Serranillos, Sotillo de la Adrada, El Tiemblo, Villanueva de Ávila u Villarejo del Valle.

7. Varjetà jew varjetajiet tad-dwieli li minnhom jinkiseb l-inbid / jinkisbu l-inbejjed

ALBILLO REAL

GARNACHA AĦMAR — GIRONET

8. Deskrizzjoni tar-rabta/rabtiet

Fatturi naturali u umani

Fatturi naturali

Iż-żona li trid tiġi protetta tinsab fis-Sistema Iberika Ċentrali tal-ktajjen ta' muntanji, bejn il-baċiri tax-xmajjar Alberche u Tiétar, li huma tributarji tax-xmara t-Tajo. Il-parti tal-Lvant tal-katina ta' muntanji Sierra de Gredos tifred iż-żewġ baċiri tax-xmajjar. Fil-biċċa l-kbira fiha materjali li huma ta' oriġini granitika.

Fil-baċir tal-Alberche, it-terren huwa imħatteb, iżda mingħajr karatteristiċi akuti. Huwa mħallat b'mod alternat ma' għoljiet wieqfa ħafna ta' għoli konsiderevoli. Il-vinja tinsab prinċipalment fuq in-naħa tal-għoljiet tax-xatt tax-xellug tal-wied li jħares lejn in-Nofsinhar. L-altitudni hija bejn 800 m u 1 000 m, għalkemm xi rqajja' jistgħu jkunu 'l fuq minn 1 000 m. Il-baċir tax-xmara Tiétar huwa aktar baxx, iżda jitla' f'daqqa lejn is-sors tiegħu.

Il-ħamrija hija ġulġliena, ramlja, u kemxejn aċiduża, b'sodda ta' blat tal-granit u f'it materjal organiku. Hemm żona tax-shale b'ħamrija ramlja ġulġliena ratba, għalkemm hija ferm iżgħar. Skont il-klassifikazzjoni tal-FAO, il-ħamrija fiż-żona hija fil-biċċa l-kbira tat-tip Cambisols. It-tipi Dystric u Humic Cambisols huma l-iktar preżenti fil-ħamrija fil-vinji.

Il-klima hija Mediterranja b'influenza kontinentali. Għandha xitwa relattivament qasira u li mhijiex kiesħa ħafna. Is-sajf huwa twil, sħun u niexef. It-temperatura medja annwali fiż-żona fejn tinsab il-vinja (is-Sierra de Gredos għandha klima tal-muntanji) hija bejn 12 u 15 °C, u x-xita tvarja bejn 400 u 800 mm fis-sena. Hemm 215-il jum fis-sena mingħajr għata. B'mod ġenerali, jista' jingħad li l-klima hija aktar sħuna u b'aktar xita milli fiż-żoni xi mkien ieħor fir-reġjun, fejn jinsabu d-DOP tax-xmara Douro.

Fatturi umani

Għal sekli sħaħ, il-bnedmin għażlu l-aħjar artijiet għall-kultivazzjoni tad-dwieli, fejn għażlu dawk li kienu l-aktar xierqa u li jħarsu lejn in-Nofsinhar ix-Xlokk. Ta' min jinnotta l-altitudni għolja ta' ċerti rqajja — b'elevazzjoni ta' aktar minn 1 000 metru.

Garnacha Aħmar u Albillo Real huma l-varjetajiet ewlenin użati biex isir l-inbid. Matul l-istorja kien hemm referenzi dwar kemm dawn il-varjetajiet huma adatti għaż-żona. Għalkemm dawn il-varjetajiet jtkabbru f'żoni oħra, il-kwalitajiet tal-ħamrija u l-klima jipproduċu karatteristiċi distintivi ħafna fl-inbejjed protetti.

Il-vinji fiż-żona demarkata huma antiki ħafna. 94 % tad-dwieli għandhom aktar minn 50 sena u 37 % għandhom aktar minn 80 sena. Dan ifisser volumi ta' produzzjoni baxxi li huma ta' kwalità għolja.

Hemm mudell ta' tħawwil spazjuż fiż-żona, ġeneralment akbar minn 2,5 × 2,5 metri. Id-densità tat-tħawwil hija għalhekk 1 600 dielja għal kull ettaru, xierqa għall-ammont baxx u irregolari ta' xita u għall-ħamrija li hija fqira mill-materja organika.

Karatteristiċi tal-prodott

L-inbejjed fiż-żona demarkata jistgħu jiġu separati fi: bojod, rożè, ħomor, zghażaġh u mmaturati. Dawn kollha għandhom il-karatteristiċi tipiċi li ġejjin:

- Qawwa alkoħolika għolja.
- Aċidu tartariku għoli u bbilanċjat.
- Potenzjal tajjeb għall-ħżin. L-inbejjed ħomor b'mod partikolari jibqgħu tajbin għal żmien twil.
- Huma bbilanċjati, lixxi u grazzjużi fuq il-palat, u vivaċi ħafna.

Rabta kawżali

Il-karattru distintiv tal-inbejjed miż-żona demarkata huwa essenzjalment dovut għall-ambjent ġeografiku: kif imsemmi hawn fuq, iż-żona hija ddefinita minn żewġ katini ta' muntanji u żewġ xmajjar li t-tnejn huma tal-baċir tax-xmara Tagus. Il-vinja tinsab prinċipalment fuq in-naħa tal-għoljiet tax-xtut tax-xellug tal-widien li jħarsu lejn in-Nofsinhar. Bħala riżultat, il-karatteristiċi tal-ħamrija, il-ġeoloġija u l-klima taż-żona jagħmluha żona eċċezzjonali u unika għall-kultivazzjoni tad-dwieli. Barra minn hekk, l-għarfien espert tal-bniedem fl-għażla tal-varjetajiet l-aktar adattati u tal-metodu tat-tkabbir l-aktar xieraq jagħmilha possibbli li jiġi manifatturat prodott speċifiku u uniku. Il-fatturi ewlenin li juru din ir-rabta huma miġbura fil-qosor hawn taħt:

- Il-kwalità ġulgħiena ramlja tal-ħamrija b'sodda ta' blat tal-granit tagħmel lill-inbejjed fini u grazzjużi fuq il-palat.
- Il-mikroklima taż-żona li għandha tiġi protetta — b'differenza miż-żoni tal-madwar — hija aktar varjata mill-bqija ta' Kastilja u León, u hija aktar friska miż-żoni tan-Nofsinhar u tal-Lvant, b'karatteristiċi mmarkati tagħha stess. Madankollu, in-nuqqas ta' xita fis-sajf u fil-bidu tal-ħarifa jiżgura li l-għeneb maħsud ikun b'saħħtu u ta' kwalità għolja.
- Il-vinji jinsabu f'altitudni għolja, b'xi wħud li jinsabu aktar minn elf metru 'l fuq mill-livell tal-baħar. Dan għaliex l-għeneb li jirriżulta jkollu aċidità tajba ħafna, li tagħti freskezza u vivaċità lill-inbid.
- Il-mappa tal-varjetà ta' għeneb turi wkoll il-karattru distintiv tiegħu. Għal sekli sħaħ il-kultivaturi tal-inbid għażlu l-aktar varjetajiet adatti għaż-żona: Garnacha Aħmar u Albillo Real, li huma l-bażi tal-inbejjed u jagħtuhom il-karatteristika distintiva tagħhom. Garnacha Aħmar jipproduċi nbejjed b'qawwa alkoħolika għolja, għalkemm minħabba l-altitudni u l-klima huma friski fuq il-palat. Albillo Real huwa speċifiku għaż-żona u distint minn Albillo Mayor, tipiku ta' żoni oħra f'Kastilja u León; jipproduċi nbejjed kumplessi, b'toġhma tajba u vivaċi, xierqa ħafna għall-maturazzjoni fil-bettija.
- Id-distanzi tat-tħawwil li ntużaw tradizzjonalment, flimkien mal-ammont baxx ta' xita u n-nuqqas ta' materjal organiku fil-ħamrija, jagħtu lok għal rendiment baxx ħafna. Dan huwa wieħed mill-fatturi wara l-kwalità għolja tal-għeneb kemm mill-perspettiva tal-produzzjoni kif ukoll tal-polifenol. Għandhom parametri analitiċi bbilanċjati u jimmaturaw tajjeb ħafna.
- Il-vinja hija antika ħafna (94 % tad-dwieli għandhom aktar minn 50 sena u 37 % għandhom aktar minn 80 sena). Flimkien mal-karatteristiċi msemmija hawn fuq, dan ifisser li l-inbejjed jifilħu tajjeb għall-ħżin.

Meħuda flimkien, iċ-ċirkostanzi deskritti hawn fuq jipproduċu għeneb li jimmatura tajjeb ħafna, u dan ifisser li jistgħu jiġu prodotti nbejjed b'kontenut għoli ta' alkoħol (mhux anqas minn 12° fl-inbejjed bojod u rożè u 13° f'dawk ħomor). Fl-istess ħin hemm aċidità konsiderevoli (aċidità totali ta' mhux inqas minn 4,5 grammi għal kull litru espressa bħala aċidu tartariku). Din il-karatteristika doppja, kontenut għoli ta' alkoħol u aċidità għolja, tagħti lill-inbejjed ta' Cebreros il-bilanċ karatteristiku tagħhom.

L-inbejjed koperti miż-żona protetta huma differenti minn dawk taż-żoni tal-madwar, b'mod partikolari l-inbejjed mill-wied tad-Duero, minħabba li juru dan il-bilanċ tipiku bejn alkoħol u aċidità, bi struttura li hija mmarkata iżda mhux eċċessiva, li tirriżulta fl-inbejjed b'karattru eleganti ħafna.

9. Rekwiżiti oħra applikabbli

Qafas ġuridiku:

Fil-leġiżlazzjoni nazzjonali

Tip ta' kundizzjoni oħra:

Imballaġġ fiż-żona ġeografika demarkata

Deskrizzjoni tal-kundizzjoni:

Il-proċess tal-produzzjoni tal-inbid jinkludi l-ibbottiljar u l-maturazzjoni sussegwenti fil-flixxun, u għalhekk il-karatteristiċi organolettiċi deskritti fl-Ispesifikazzjoni jistgħu jiġu garantiti biss jekk l-operazzjonijiet kollha tal-immaniġġjar tal-inbid iseħħu fiż-żona demarkata. L-inbejjed jispiċċaw fil-flixxun, fejn jintemm il-proċess tal-produzzjoni. Huwa hawnhekk li l-inbejjed jieħdu l-karatteristiċi definiti fit-taqsimha 2 ta' din l-Ispesifikazzjoni u, b'mod partikolari, il-karatteristiċi organolettiċi tagħhom. It-trasport bl-ingrossa tal-inbid, mhux ibbottiljat, ikun ifisser li l-prodott jiċċaq-laq mingħajr din l-operazzjoni finali, u dan iwassal għal telf ta' kwalità (ossidazzjoni u sinjali oħra ta' bidla, eċċ.).

L-ibbottiljar tal-inbejjed huwa għalhekk wieħed mill-kriterji ewlenin biex jiġu żgurati l-karatteristiċi miksuba matul il-produzzjoni u — fejn xieraq — il-proċess tal-maturazzjoni. Minħabba dan, l-ibbottiljar għandu jsir ukoll fil-faċilitajiet tal-ibbottiljar ta' fabriki tal-inbid li jinsabu fiż-żona tal-produzzjoni.

Qafas ġuridiku:

Fil-leġiżlazzjoni nazzjonali

Tip ta' kundizzjoni oħra:

Dispożizzjonijiet addizzjonali dwar it-tikkettar

Deskrizzjoni tal-kundizzjoni:

- It-terminu “INBID TA' KWALITÀ TA' CEBREROS” (“VINO DE CALIDAD DE CEBREROS”) jista' jintuża fuq it-tikkettar minflok “DENOMINAZZJONI TA' ORIĠINI PROTETTA” “CEBREROS”.
- Għandu jkun obligatorju li tiġi indikata s-sena tal-ħsad, tal-vendemija jew termini ekwivalenti, anki fejn l-inbejjed ma jkunux ġew immaturati.
- Jistgħu jintużaw it-termini “IFFERMENTAT FIL-BTIETI” jew “BALLUT” (“ROBLE”), sakemm l-inbejjed jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-leġiżlazzjoni attwali.
- F'dawk il-lottijiet fejn jiġi ppruvat li 100 % tal-għeneb użat biex isir l-inbid jiġi minn muniċipalità waħda, jista' jiġi indikat fuq it-tikketta li l-inbid ikun ġie magħmul mill-għeneb minn dik il-muniċipalità.

Link għall-ispeċifikazzjoni tal-prodott

http://www.itacyl.es/opencms_wf/opencms/informacion_al_ciudadano/calidad_alimentaria/7_vinicos/index.html

V

(Avviżi)

PROCĊDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA
TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

**Komunikazzjoni tal-Kummissjoni ppubblikata skont l-Artikolu 27(4) tar-Regolament tal-Kunsill
(KE) Nru 1/2003 fil-Każ AT.39398 — Visa MIF**

(2018/C 438/03)

1. Introduzzjoni

- (1) Skont l-Artikolu 9 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 tas-16 ta' Diċembru 2002 fuq l-implimentazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni mniżżlin fl-Artikoli 81 u 82 tat-Trattat⁽¹⁾, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi – f'dawk il-każijiet fejn ikollha l-intenzjoni li tadotta deċiżjoni li tobbliga li ksur jinġieb fi tmiemu u l-partijiet ikkonċernati joffru li jidħlu għal irbit li jkun jissodisfa t-tħassib indikat lilhom mill-Kummissjoni fl-evalwazzjoni preliminari tagħha – li dan l-irbit isir vinkolanti fuq l-impriżi. Deċiżjoni bħal din tista' tiġi adottata għal perjodu speċifiku u għandha tikkonkludi li ma hemmx aktar raġunijiet għal azzjoni mill-Kummissjoni. Skont l-Artikolu 27(4) tal-istess Regolament, il-Kummissjoni għandha tippubblika sommarju konċiż tal-każ u l-kontenut prinċipali tal-impenji. Il-partijiet interessati jistgħu jippreżentaw il-kummenti tagħhom sal-limitu taż-żmien għal dan stabbilit mill-Kummissjoni.

2. Sommarju tal-Każ

- (2) Fit-3 ta' Awwissu 2017, il-Kummissjoni adottat Dikjarazzjoni Supplimentari ta' Oġġezzjonijiet ("DSO") kontra Visa Inc. u Visa International Services Association. Id-DSO tissupplimenta iktar id-Dikjarazzjoni Supplimentari ta' Oġġezzjonijiet tat-23 ta' April 2013 u d-Dikjarazzjoni ta' Oġġezzjonijiet tat-3 ta' April 2009, indirizzati lil Visa Inc., Visa International Service Association u Visa u Visa Europe Limited⁽²⁾ (flimkien "Visa").
- (3) Id-DSO tenfasizza l-fehma preliminari tal-Kummissjoni li Visa Inc. u Visa International Services Association kisru l-Artikolu 101 TFUE u l-Artikolu 53 tal-Ftehim dwar iż-ŻEE billi stabbilixxew regoli dwar tariffi multilaterali tal-interkambju (multilateral interchange fees - "MIFs") li japplikaw għal tranżazzjonijiet interreġjonali b'kards ta' debitu u ta' kreditu tal-konsumatur maħruġa minn emittent (il-bank tad-detentur tal-kard) li jinsab barra ż-ŻEE fi ħwienet merkantili li jinsabu fiż-ŻEE. Dawn jinkludu tranżazzjonijiet ta' "kard preżenti" (meta d-detentur tal-kard ikun preżenti, pereżempju f'ħanut) u "kard mhux preżenti" (meta d-detentur tal-kard ma jkunx preżenti, pereżempju meta n-numru tal-kard u d-dettalji ta' awtentikazzjoni jingħataw permezz tal-Internet, bil-posta jew bit-telefown).
- (4) Id-DSO jirrimarka li r-regoli tal-viża jobbligaw lill-akkwirent (il-bank tan-negozjant) iħallas l-MIFs interreġjonali lill-emittent (il-bank tad-detentur tal-kard) għal kull tranżazzjoni interreġjonali f'xi ħanut merkantili fiż-ŻEE, kif ukoll li l-MIFs interreġjonali tal-Visa jammontaw għal deċiżjonijiet ta' assoċjazzjoni ta' impriżi fis-sens tal-Artikolu 101(1) TFUE/l-Artikolu 53(1) ŻEE.
- (5) Kif imfisser fid-DSO, meta detentur ta' kard juża kard għall-ħlas sabiex jixtri oġġetti jew servizzi mingħand negozjant, in-negozjant iħallas tariffa għas-servizz tan-negozjant lill-akkwirent tiegħu. L-akkwirent iżomm parti minn din it-tariffa (il-marġni tal-akkwirent), parti tingħadda lill-emittent (l-MIF) u parti tgħaddi għand l-operatur tal-iskema (f'dan il-każ Visa). Fid-DSO hemm imfisser ulterjorment li parti kbira mit-tariffa għas-servizz tan-negozjant hija

⁽¹⁾ ĠU L 1, 4.1.2003, p. 1. B'effett mill-1 ta' Diċembru 2009, l-Artikoli 81 u 82 tat-Trattat tal-KE saru l-Artikoli 101 u 102, rispettivament, tat-TFUE. Iż-żewġ settijiet ta' dispożizzjonijiet huma essenzjalment identiċi. Għall-finijiet ta' dan l-avviż, jenħtieġ li r-referenzi għall-Artikoli 101 u 102 TFUE jinftiehemu bħala referenzi għall-Artikoli 81 u 82 tat-Trattat tal-KE fejn xieraq.

⁽²⁾ Fit-3 ta' Ġunju 2016, l-Għaqda bejn Visa Inc. u Visa Europe kienet lesta u Visa Inc. akkwistat Visa Europe. B'konsegwenza ta' dan, Visa Europe ma baqgħetx impriża separata. Għaldaqstant, kull referenza għal Visa Europe fit-test għandha tinqara li qed tirreferi għall-perjodu qabel it-3 ta' Ġunju 2016.

ddeterminata mill-MIF. Madankollu, il-Kummissjoni kienet f'każijiet fil-passat aċċettat MIFs li jkunu konformi mal-hekk imsejjaħ Test tal-Indifferenza tan-Negożjant (Merchant Indifference Test - "MIT")⁽¹⁾. Skont it-test, it-tariffa tal-interkambju ma għandhiex bħala medja teċċedi l-benefiċċji tranżazzjonali li n-negożjanti jieħdu meta jaċċettaw kards tal-ħlas. MIF bħal din tiżgura li n-negożjanti, bħala medja, ikunu indifferenti jekk jaċċettawx pagamenti bil-kard u mezz oħra ta' pagamenti, u toħloq kundizzjonijiet ekwi għall-kompetizzjoni bejn strumenti alternattivi ta' pagament.

3. Il-Kontenut Prinċipali tal-Impenji Offruti

- (6) Visa Inc. u Visa International Services Association, bħala l-partijiet soġġetti għall-proċedimenti, ma jaqblux mal-valutazzjoni preliminari tal-Kummissjoni. Madankollu huma offrew li jimpenjaw ruħhom b'konformità mal-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 1/2003, li jissodisfaw it-tħassib tal-Kummissjoni dwar il-kompetizzjoni. L-impenji huma spjegati fil-qosor hawn taħt u ppubblikati bl-Ingliż fuq is-sit web tad-Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni fuq:

http://ec.europa.eu/competition/index_en.html

- (7) Sitt xhur wara d-data li fiha Visa tirċievi avviż formali tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni skont l-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 1/2003, Visa timpenja ruħha li tillimita:
- (a) l-MIF ta' Debitu Interreġjonali tagħha għal Tranżazzjonijiet ta' Kard Preżenti (KP) Interreġjonali għal 0,2 %; kif ukoll
 - (b) l-MIF ta' Kreditu Interreġjonali tagħha għal Tranżazzjonijiet ta' Kard Preżenti (KP) Interreġjonali għal 0,3 %; kif ukoll
 - (c) l-MIF ta' Debitu Interreġjonali tagħha għal Tranżazzjonijiet ta' Kard Mhux Preżenti (KMP) Interreġjonali għal 1,15 %; kif ukoll
 - (d) l-MIF ta' Kreditu Interreġjonali tagħha għal Tranżazzjonijiet ta' Kard Mhux Preżenti (KMP) Interreġjonali għal 1,5 %.
- (8) Dawn l-Impenji se jibqgħu fis-seħħ għal perjodu ta' ħames snin u sitt xhur wara l-avviż tad-deċiżjoni ta' impenn lil Visa.
- (9) F'mill-inqas 12-il ġurnata tax-xogħol wara l-avviż tad-deċiżjoni ta' impenni, Visa tinnotifika li kull akkwirent ta' tranżazzjonijiet interreġjonali ta' Visa u titlob li kull akkwirent, min-naħa tiegħu, jinnotifika fil-pront lill-klijenti negożjanti rispettivi tagħhom li: i) l-Impenji ġew adottati u li ii) l-MIFs Interreġjonali se jkollhom limitu massimu għat-tranżazzjonijiet interreġjonali kollha fil-ġejjieni magħmula b'kards ta' debitu u ta' kreditu tal-Konsumatur għal kemm idumu l-Impenji. Barra minn dan, mhux aktar tard minn 12-il jum tax-xogħol wara n-notifika tad-deċiżjoni dwar l-impenni, Visa għandha wkoll tippubblika b'manjera viżibbli b'mod ċar u li jkun faċilment aċċessibbli fuq is-sit web ta' Visa Europe l-MIFs kollha interreġjonali ta' Debitu u ta' Kreditu applikabbli għat-tranżazzjonijiet interreġjonali KP u KMP.
- (10) Visa ma għandhiex tevadi jew tipprova tevadi dawn l-Impenji direttament jew indirettament b'xi att jew ommissjoni. B'mod partikolari, sa mill-avviż tad-deċiżjoni ta' impenn, Visa tastjeni mill-prattiki kollha li għandhom l-għan jew l-effett ekwivalenti ta' MIFs interreġjonali. Dan jinkludi speċifikament iżda mhux esklużivament l-implimentazzjoni ta' programmi jew ta' regoli ġodda li permezz tagħhom Visa titrasferixxi skemi jew tariffi oħra imposti fuq l-akkwirenti fiż-ŻEE lil emittenti mhux fiż-ŻEE.
- (11) Soġġetta għall-impenn tagħha ta' non-evalazzjoni, Visa tista' tadotta l-miżuri rilevanti għall-protezzjoni ta' ħarsien tal-konsumatur biex il-konsumaturi ma jintlaqtux mill-effetti ta' bidliet fl-MIFs interreġjonali tagħha b'mod partikolari rigward kwistjonijiet bħal frodi, konverżjoni tal-munita, rimborżi u ħlasijiet lura.
- (12) Visa għandha taħtar Fiduċjarju tal-Monitoraġġ biex jivverifika l-konformità ta' Visa mal-Impenji tagħha. Qabel il-ħatra, il-Kummissjoni jkollha s-setgħa li tapprova jew li tirrifjuta l-Fiduċjarju propost.
- (13) L-investigazzjoni attwali tal-antitrust (Supra Taqsima 2) tibqa' miftuħa fil-konfront ta' Visa sakemm issir valutazzjoni ulterjuri mill-Kummissjoni, li possibbilment tinkludi kwalunkwe kummenti li jsiru b'reazzjoni għal dan l-Avviż.

⁽¹⁾ Għal informazzjoni dwar it-Test tal-Indifferenza tan-Negożjant ara s-sommarju eżekuttiv tat-2015 Survey on the Cost of Cash and Card Processing tal-Kummissjoni, p. 3, li jinsab fuq http://ec.europa.eu/competition/sectors/financial_services/dgcomp_final_report_en.pdf

4. Stedina għall-Kummenti

- (14) Wara li jsir l-ittestjar tas-suq, il-Kummissjoni għandha l-ħsieb li tadotta deċiżjoni skont l-Artikolu 9(1) tar-Regolament (KE) Nru 1/2003 li fiha tiddikjara li l-Impenji mniżżla fil-qosor hawn fuq u ppubblikati fuq l-Internet, fuq is-sit web tad-Direttorat Ġeneralni għall-Kompetizzjoni, bħala vinkolanti.
- (15) Skont l-Artikolu 27(4) tar-Regolament (KE) Nru 1/2003, il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jippreżentaw l-kummenti tagħhom dwar l-Impenji proposti. Dawn il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni sa mhux aktar tard minn xahar wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. It-terzi persuni interessati huma wkoll mistiedna jippreżentaw verżjoni mhux kunfidenzjali tal-kummenti tagħhom, li fiha kull informazzjoni li jiddikjaraw li hija sigriet kummerċjali u jenħtieġ li informazzjoni kunfidenzjali oħra titħassar u tiġi ssostitwita kif xieraq b'sommarju mhux kunfidenzjali jew bil-kliem "sigriet kummerċjali" jew "kunfidenzjali".
- (16) Jenħtieġ li r-risposti u l-kummenti preferibbilment ikunu motivati u jenħtieġ li jippreżentaw il-fatti rilevanti. Jekk inti tidentifika problema fi kwalunkwe parti tal-Impenji proposti, il-Kummissjoni tistiednek ukoll biex tissuġġerixxi xi soluzzjoni possibbli.
- (17) Il-kummenti għandhom jintbagħtu lill-Kummissjoni bin-numru ta' referenza AT.39398 — Visa MIF, jew permezz tal-email (COMP-GREFFE-ANTITRUST@ec.europa.eu), jew permezz tal-faks (+32 22950128) jew permezz tal-posta, fl-indirizz li ġej:

European Commission
Directorate-General for Competition
Antitrust Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

Komunikazzjoni tal-Kummissjoni ppubblikata skont l-Artikolu 27(4) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 fil-Każ AT.40049 — Mastercard II

(2018/C 438/04)

1. Introduzzjoni

- (1) Skont l-Artikolu 9 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 tas-16 ta' Diċembru 2002 fuq l-implimentazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni mniżżlin fl-Artikoli 81 u 82 tat-Trattat⁽¹⁾, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi – f'dawk il-każijiet fejn ikollha l-intenzjoni li tadotta deċiżjoni li tobbliga li ksur jinġieb fi tmiemu u l-partijiet ikkonċernati joffru li jidħlu għal irbit li jkun jissodisfa t-tħassib indikat lilhom mill-Kummissjoni fl-evalwazzjoni preliminari tagħha – li dak l-irbit isir vinkolanti fuq l-impriżi. Deċiżjoni bħal din tista' tiġi adottata għal perjodu speċifiku u għandha tikkonkludi li ma hemmx aktar raġunijiet għal azzjoni mill-Kummissjoni. Skont l-Artikolu 27(4) tal-istess Regolament, il-Kummissjoni għandha tippubblika sommarju konċiż tal-każ u l-kontenut prinċipali tal-impenji. Il-partijiet interessati jistgħu jippreżentaw il-kummenti tagħhom sal-limitu taż-żmien għal dan stabbilit mill-Kummissjoni.

2. Sommarju tal-Każ

- (2) Fid-9 ta' Lulju 2015, il-Kummissjoni adottat Dikjarazzjoni ta' Oġġezzjonijiet ("DO") kontra MasterCard Europe S.A.; MasterCard Incorporated u MasterCard International Incorporated (flimkien "Mastercard").
- (3) Id-DO fissret il-fehma preliminari tal-Kummissjoni li r-regoli ta' Mastercard dwar tariffi multilaterali tal-interkambju (multilateral interchange fees — "MIFs"⁽²⁾) li japplikaw għal tranżazzjonijiet interreġjonali b'kards ta' debitu u ta' kreditu tal-konsumatur maħruġa minn emittent (il-bank tad-detentur tal-kard) li jkun jinsab barra ż-ŻEE fi ħwienet merkantili li jkunu jinsabu fiż-ŻEE huma bi ksur tal-Artikolu 101 tat-TFUE u tal-Artikolu 53 tal-Ftehim taż-ŻEE. Dawn jinkludu tranżazzjonijiet ta' "kard preżenti" (meta d-detentur tal-kard ikun preżenti, pereżempju f'ħanut) u "kard mhux preżenti" (meta d-detentur tal-kard ma jkunx preżenti, pereżempju meta n-numru tal-kard u d-dettalji ta' awtentikazzjoni jingħataw permezz tal-Internet, bil-posta jew bit-telefown).
- (4) Id-DO jinnota li r-regoli ta' Mastercard jobbligaw lill-akkwired (il-bank tan-negozjant) iħallas lill-emittent MIFs interreġjonali (il-bank tad-detentur tal-kard) għal kull tranżazzjoni interreġjonali f'ħanut fiż-ŻEE, u wkoll li l-MIFs interreġjonali ta' Mastercard huma ekwivalenti għal deċiżjonijiet ta' assoċjazzjoni ta' impriżi fis-sens tal-Artikolu 101(1) TFUE/l-Artikolu 53(1) ŻEE.
- (5) Kif imfisser fid-DO, meta detentur ta' kard juża kard għall-ħlas biex jixtri oġġetti jew servizzi mingħand negozjant, in-negozjant iħallas tariffa għas-servizz tan-negozjant lill-akkwired tiegħu. L-akkwired iżomm parti minn din it-tariffa (il-marġni tal-akkwired), parti tingħadda lill-emittent (l-MIF) u parti tgħaddi għand l-operatur tal-iskema (f'dan il-każ Mastercard). Id-DO tkompli tiddikjara li parti kbira mit-tariffa għas-servizz tan-negozjant hija ddeterminata mill-MIF. Madankollu, il-Kummissjoni kienet f'każijiet fil-passat aċċettat MIFs li jkunu konformi mal-hekk imsejjaħ Test tal-Indifferenza tan-Negozjant (Merchant Indifference Test - "MIT")⁽³⁾. Skont it-test, it-tariffa tal-interkambju ma għandhiex bħala medja teċċedi l-benefiċċji tranżazzjonali li n-negozjanti jieħdu meta jaċċettaw kards tal-ħlas. MIF bħal din tiżgura li n-negozjanti, bħala medja, jkunu indifferenti jekk jaċċettawx pagamenti bil-kard u mezz oħra ta' pagamenti, u toħloq kundizzjonijiet ekwi għall-kompetizzjoni bejn strumenti alternattivi ta' pagament.

3. Il-Kontenut Prinċipali tal-Impenji Offruti

- (6) MasterCard Europe S.A.; MasterCard Incorporated u MasterCard International Incorporated, bħala l-partijiet soġġetti għall-proċedimenti, ma jaqblux mal-valutazzjoni preliminari tal-Kummissjoni. Madankollu huma offrew li jimpenjaw ruħhom b'konformità mal-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 1/2003, li jissodisfaw it-tħassib tal-Kummissjoni dwar il-kompetizzjoni. L-impenji huma spjegati fil-qosor hawn taħt u ppubblikati bl-Ingliż fuq is-sit web tad-Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni fuq:

http://ec.europa.eu/competition/index_en.html

⁽¹⁾ ĠU L 1, 4.1.2003, p. 1. B'effett mill-1 ta' Diċembru 2009, l-Artikoli 81 u 82 tat-Trattat tal-KE saru l-Artikoli 101 u 102, rispettivament, tat-TFUE. Iż-żewġ settijiet ta' dispożizzjonijiet huma essenzjalment identiċi. Għall-finijiet ta' dan l-avviż, jenħtieġ li r-referenzi għall-Artikoli 101 u 102 TFUE jinftiehm bħala referenzi għall-Artikoli 81 u 82 tat-Trattat tal-KE fejn xieraq.

⁽²⁾ Mastercard jiddefinixxi MIFs interreġjonali bħala t-tariffi għall-interkambju ffissati minn Mastercard li japplikaw, awtomatikament, għal tranżazzjonijiet interreġjonali b'kards ta' kreditu u ta' debitu (inter-regional transactions - IIFs)

⁽³⁾ Għal informazzjoni dwar it-Test tal-Indifferenza tan-Negozjant ara s-sommarju eżekuttiv tat-2015 Survey on the Cost of Cash and Card Processing tal-Kummissjoni, p. 3, li jinsab fuq http://ec.europa.eu/competition/sectors/financial_services/dgcomp_final_report_en.pdf.

- (7) Sitt xhur wara d-data li fiha Mastercard tirċievi avviż formali tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni skont l-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 1/2003, Mastercard timpenja ruħha li tillimita:
- (a) id-Debitu IIF għal Tranżazzjonijiet ta' Kard Preżenti (KP) Interreġjonali għal 0,2 %; kif ukoll
 - (b) il-Kreditu IIF għal Tranżazzjonijiet ta' Kard Preżenti (KP) Interreġjonali għal 0,3 %; kif ukoll
 - (c) id-Debitu IIF għal Tranżazzjonijiet ta' Kard Mhux Preżenti (KMP) Interreġjonali għal 1,15 %; kif ukoll
 - (d) il-Kreditu IIF għal Tranżazzjonijiet ta' Kard Mhux Preżenti (KMP) Interreġjonali għal 1,5 %.
- (8) Dawn l-Impenji se jibqgħu fis-seħħ għal perjodu ta' ħames snin u sitt xhur wara l-avviż tad-deċiżjoni ta' impenn lil Mastercard.
- (9) F'mill-inqas 12-il ġurnata tax-xogħol wara l-avviż tad-deċiżjoni ta' impenn, Mastercard tinnotifika li kull akkwirent ta' Tranżazzjonijiet Interreġjonali ta' Mastercard u titlob li kull akkwirent, min-naħa tiegħu, jinnotifika fil-pront lill-klijenti negozjanti rispettivi tagħhom li: i) l-Impenji ġew adottati u li ii) l-IIFs jkollhom limitu massimu għat-tranżazzjonijiet interreġjonali kollha fil-ġejjieni magħmula b'kards ta' debitu u ta' kreditu tal-konsumatur għal kemm idumu l-Impenji. Ukoll mill-inqas fi żmien 12-il ġurnata ta' xogħol wara n-notifika tad-deċiżjoni dwar l-impniji, Mastercard għandha ukoll tippubblika b'mod viżibbli u faċilment aċċessibbli fuq is-sit web Ewropew ta' Mastercard l-IIFs kollha ta' Debitu u Kreditu applikabbli għal tranżazzjonijiet interreġjonali ta' PK u KMP.
- (10) Mastercard ma għandhiex tevadi jew tipprova tevadi dawn l-Impenji direttament jew indirettament b'xi att jew ommissjoni. B'mod partikolari, sa mill-avviż tad-deċiżjoni ta' impenn, Mastercard tastjeni mill-prattiki kollha li għandhom l-għan jew l-effett ekwivalenti ta' IIFs. Dan jinkludi speċifikament iżda mhux esklużivament l-implimentazzjoni ta' programmi jew ta' regoli ġodda li permezz tagħhom Mastercard tittrasferixxi skemi jew tariffi oħra imposti fuq l-akkwirenti fiż-ŻEE lil emittenti mhux fiż-ŻEE.
- (11) Soġġetta għall-impenn tagħha ta' non-evażjoni, Mastercard tista' tadotta l-miżuri rilevanti għall-protezzjoni ta' ħarsien tal-konsumatur biex il-konsumaturi ma jintlaqtux mill-effetti ta' bidliet fl-IIFs tagħha b'mod partikolari rigward kwistjonijiet bħal frodi, konverżjoni tal-munita, rimborżi u ħlasijiet lura.
- (12) Mastercard għandha taħtar Fiduċjarju tal-Monitoraġġ biex jivverifika l-konformità ta' Mastercard mal-impniji tagħha. Qabel il-ħatra, il-Kummissjoni jkollha s-setgħa li tapprova jew li tirrifjuta l-Fiduċjarju propost.
- (13) L-investigazzjoni attwali tal-antitrust (Supra Taqsima 2) tibqa' miftuħa fil-konfront ta' Mastercard sakemm issir valutazzjoni ulterjuri mill-Kummissjoni, li possibbilment tinkludi kwalunkwe kummenti li jsir b'reazzjoni għal dan l-Avviż.

4. Stedina għall-Kummenti

- (14) Wara li jsir l-ittestjar tas-suq, il-Kummissjoni għandha l-ħsieb li tadotta deċiżjoni skont l-Artikolu 9(1) tar-Regolament (KE) Nru 1/2003 li fiha tiddikjara li l-Impenji mniżżla fil-qosor hawn fuq u ppubblikati fuq l-Internet, fuq is-sit web tad-Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni, bħala vinkolanti.
- (15) Skont l-Artikolu 27(4) tar-Regolament (KE) Nru 1/2003, il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jippreżentaw il-kummenti tagħhom dwar l-Impenji proposti. Dawn il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni sa mhux aktar tard minn xahar wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. It-terzi persuni interessati huma wkoll mistiedna jippreżentaw verżjoni mhux kunfidenzjali tal-kummenti tagħhom, li fiha kull informazzjoni li jiddikjaraw li hija sigriet kummerċjali u jenħtieġ li informazzjoni kunfidenzjali oħra titħassar u tiġi ssostitwita kif xieraq b'sommarju mhux kunfidenzjali jew bil-kliem "sigriet kummerċjali" jew "kunfidenzjali".
- (16) Jenħtieġ li r-risposti u l-kummenti preferibbilment ikunu motivati u jenħtieġ li jippreżentaw il-fatti rilevanti. Jekk inti tidentifika problema fi kwalunkwe parti tal-Impenji proposti, il-Kummissjoni tistiednek ukoll biex tissuġġerixxi xi soluzzjoni possibbli.

- (17) Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bir-referenza AT.40049 — Mastercard II, jew permezz tal-email (COMP-GREFFE-ANTITRUST@ec.europa.eu), jew permezz tal-faks +32 22950128) jew permezz tal-posta, fl-indirizz li ġej:

European Commission
Directorate-General for Competition
Antitrust Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

ISSN 1977-0987 (elektronikus kiadás)
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT